**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Dicembru 2021**

**Rik. Gur. Nru.: 210/2018 JPG**
**Kawza Numru : 32**

**MG**

**Vs**

**Illi b'digriet tat- 18 ta' Settembru 2018, gew nominati Dr Joseph Ellis u PL Quentin Tanti bhala Kuraturi Deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti BF.**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MG, datat 31 ta' Lulju 2018, a fol 1 et seqq, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Novembru 2003 fir-Registru taz-Zwieg il-Belt Valletta, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg immarkat Dok.A;*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;*

3. *Illi l-kunsens tall-partijiet kien vizzjat ai termini ta' l-artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-ligijiet ta' Malta b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu;*

4. *Illi l-partijiet qatt ma ghexu flimkien u lanqas qatt ma kkonsmaw iz-zwieg;*

5. *Illi l-attur ilu ma jara jew jisma' minghand il-konvenuta ghal aktar minn erbatax-il sena;*

6. *Illi l-attur kkontratta dan iz-zwieg f'perjodu difficli f'hajjtu kif ser jigi ttrattat waqt l-andament tal-kawza.*

7. *Illi jezistu ragunijiet gravi u validi fil-ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi dikjarat null.*

8. *Illi hekk kellha ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiert suesposti, l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru 2003 huwa null u invalid ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi tqis opportuni skont il-kaz.*

*Bl-ispejjez, kontra l-konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti u d-data tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti Dr Joseph Ellis u PL Quentin Tanti, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti BF, datata 3 ta' Dicembru 2018, a fol 18 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi huma, fil-kwalita taghha ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti BF, m'humiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar ' il quddiem.*

*2. Illi in oltre, minhabba il-fatt illi l-attur naqas milli jaghti indikazzjoni tal-indirizz ta' BF, mhuwiex possibbli li l-esponenti jikkuntattjaw lill-konvenuta sabiex jgharrfuha b'dawn il-proceduri.*

*3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat d -dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kas;

Semghat it-trattazzjoni finali;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed permezz ta' affidavit** *(Vide fol 31 et seq)* fejn spjega illi fl-ahhar tad-disghinijiet u fis-snin elfejn, huwa kien ghaddej minn perjodu difficli f'hajtu u kien dipendenti fuq id-droga. Illi dak iz-zmien huwa kien lest li jaghmel dak kollu li jigi offrut lilu sabiex jaqla ftit flus halli jkun jista' jsostni dan il-vizzju. Jirrakonta illi kien gie avvicinat minn terzi persuni li ma kienx jafhom, izda jaf li kien Gharbi, u kien issugerixxa illi jekk ried jaqla ftit flus, setgha' jizzewweg lil certu tfajla li kienet qieghda Malta minghajr dokumenti. Hu jistqarr illi minhabba c-cirkostanzi li kien fihom, kien accetta. Jaf illi fis-27 ta' Novembru 2003 kien izzewweg lil BF fir-Registru taz-Zwieg fil-Belt Valletta, li BF li kienet minn C, l-M. Izid illi hu ma kienx jafha u qatt ma kien iltaqgha maghha qabel. Filfatt jixhed illi raha biss darba qabel id-data li fiha zzewwgu u dan kien sabiex ftehmu fuq data ghaz-zwieg.

Wara li zzewwgu, jirrileva illi hu mar fi triqtu u hi ghamlet l-istess, qisu qatt ma kien xejn, u ma kien hemm l-ebda kuntatt ta' xejn bejniethom lanqas bit-telefon. Jispjega illi hadd mill-familja tieghu ma qatt iltaqa' maghha u hadd minnhom ma kien prezenti meta zzewweg. Wara li rkupra mill-vizzju tad-droga, kien prova ifittixha sabiex jaraw x'ser jaghmlu u kien infurmat mill-istess persuna li kien issuggerilhu jizzewweg li hija kienet marret lura l-M. Jikkonferma illi dan iz-zwieg qatt ma kien ikkunsmat u kien biss zwieg ta' konvenjenza.

Illi ormai ghaddew iktar minn sittax (16)– il sena mill-ahhar darba li ra lill-intimata u jikkonferma illi hi qatt ma pruvat taghmel kuntatt mieghu. Jikkontendi illi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jizzewweg u ghamel hekk biss frott ic-cirkostanzi difficli li sab ruhhu fihom.

**Ikkonsidrat:**

Din hija kawza ghad-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg tal-partijiet ikkontrattat fis- 27 ta' Novembru 2003, liema zwieg gie rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru 2141/2003 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg *a fol 4* tal-process. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal.

Il-Qorti rat illi l-ebda provi ma gew prodotti mill-Kuraturi Deputati, b'dana illi l-Qorti taghraf illi ghalkemm ma sarux eccezzjonijiet fuq il-meritu, dan ma jfissirx illi din il-Qorti m'ghandhiex tezamina l-meritu tat-talbiet tal-attur sabiex tistabilixxi jekk jissussistux jew le il-kawzali t'annullament moghtija mill-attur, u dan peress illi fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita.'

Infatti, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Zammit vs Bernardette Zammit*** deciza 27 ta' Jannar 2006:

> ***Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u cioe' li żżwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u cioe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.***

Fir-rigward taz-zwieg tezisti prezunzjoni ta' validita' illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigi dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux, ghas-sodisfazzjon pjena tal-Qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita.' Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-31 ta' Jannar 2018:

> ***Huwa pacifiku illi z-zwieg huwa istitut ta' l-ordni pubbliku u bhala tali ghandu jgawdi minn dawk is-salvagwardji li jixraqlu u li huma necessarji biex***

> ***jiggarantixxu l-importanza u s-solennita` li dan l-istitut ghandu fis-socjeta`. Appuntu ghal din ir-raguni, il-kuntratt taz-zwieg ma huwiex regolat bid dispozizzjoniiet generali in materja ta' kuntratti li nsibu fil-Kodici Civili izda b'lex specialis taht il-Kap. 255, li tipprovdi dwar ir-ragunijiet li minhabba fihom zwieg jista' jigi dikjarat li huwa minghajr effett. Inoltre, tezisti a favur iz-zwieg prezunzjoni ta' validita` illi tesigi li z-zwieg ma ghandux jigix dikjarat li huwa invalidu, jekk ma jitressqux ghas-sodisfazzjon pjen tal-qorti, provi cari u konkreti li jezistu ragunijiet gravi u serji u eccezzjonali skond kif trid il-Ligi, li jiggustifikaw talba ghan-nullita`…***
>
> ***In-nullita` taz-zwieg hija ghalhekk eccezzjoni ghar-regola ta' validita` u konsegwentement, kull talba biex zwieg jigi dikjarat li qatt ma kien, ghandha titqies b'cirkospezzjoni filwaqt li tinghata wkoll interpretazzjoni ristrettiva…***

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia*** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju 1987:

> ***Iz-zwieg huwa wiehed mill-kuntratti l-aktar essenzjali ghas-socjeta' u bla dubju ta' xejn huwa ta' ordni pubbliku li l-Qorti trid tersaq lejh bl-aktar rispett… Ghall-Qorti n-nullita' hija haga serjissima u eccezzjonali bbazata fuq ir-rekwiziti legali, u bhala materja eccezzjonali trid tkun interpretata restrittivament.***

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tezamina fil-meritu taghhom il-kawzali ta' nullita' mressqa mill-attur.

**Ikkonsidrat:**

L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu fuq l-artikolu 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-artikolu 19(1)(f) jipprovdi illi zwieg ikun null:

> ***jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

B'referenza ghal dan is-sub-inciz intqal fis-sentenza fl-ismijiet ***Simon Cusens vs Romina Cusens*** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Dicembru 2014 illi:

> ***"Dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg huwa kien qieghed jeskludi jew iz-zwieg innifsu jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, sabiex zwieg jigi kkonsidrat null ai termini ta' dan is-subinciz jehtieg li jigi pprovat li xi hadd mill-partijiet huwa hati ta' simulazzjoni fis-sens illi minn barra kien jidher li qed jaghti l-kunsens ghar-rabta matrimonjali mentri fil-fond tal-menti tieghu jew taghha iz-zwieg jew xi element essenzjali tal-hajja mizzewga kien qed jigi eskluz a priori."***

Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet ***L-Avukat A B noe vs ED,*** citata aktar il-fuq intqal:

> ***Illi gie konsistentement ritenut illi dan is-subinciz (f) jirreferi ghal dawk ic-cirkostanzi fejn xi hadd mill-partijiet ikun ha decizjoni li ghalkemm ser jippartecipa fic-cerimonja taz-zwieg, hija tkun qieghda teskludi jew iz-zwieg innifsu, jew xi wiehed mill-elementi essenzjali taz-zwieg b'tali mod li z-zwieg ikun qieghed jigi eskluz. Fi kliem iehor, biex zwieg ikun null ai termini ta' dan is-sub inciz, xi hadd mill-partijiet ma jkollux intenzjoni li jizzewweg u jghix hajja konjugali, izda jkun resaq ghac-celebrazzjoni taz-zwieg sabiex jilhaq xi ghan ulterjuri.***

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ***Anthony Gallo vs Dr. Anthony Cutajar et nomine*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Mejju 2002 fejn inghad illi:

> ***meta wiehed jitkellem dwar l-eskluzjoni taz-zwieg jew wiehed mill-elementi essenzjali tieghu, wiehed irid jifli jekk il-kontendenti jew wiehed (jew wahda) minnhom, allavolja hu kapaci jaghti l-kunsens validu taz-zwieg, pero` bl-att tieghu hu qabel u fil-hajja mizzewga, jew bl-ommissjoni tieghu, eskluda a priori z-zwieg,…….hu jew hi eskludew xi wahda jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.***

Gie ulterjorment ritenut fis-sentenza ***Al Chahid vs Mary Spiteri***[1] illi:-

***"… wiehed jinnota li taht l-artikolu 19(1(f) trid issir distinzjoni cara bejn zwieg li jfalli minhabba cirkostanzi li jirrizultaw waqt iz-zwieg, u zwieg li jfalli ghax wiehed mill-partijiet minn qabel ma' ta l-kunsens tieghu, kien gja mentalment dispost li ma jottemperax ruhu ma' xi wahda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-ragunijiet li jaghtu lok ghas-separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament taz-zwieg".***

Illi kif gie spjegat fil-kaz ***Alfred Tonna vs Maria Tonna***[2] :

***"ikun hemm simulazzjoni meta fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra ( jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda internament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali jew dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali)."***

**Ikkonsidrat:**

Stabbiliti dawn l-insenjamenti legali, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi migbura tul il-mori tal-proceduri. Din il-Qorti ghandha d-dover li tevalwa bir-reqqa l-provi li ngabu quddiemha, liema provi ghandhom ikunu konkreti, konvincenti u li ma jhallu l-ebda dubju f' mohh il-gudikant b'dana illi l-anullament in kwistjoni mhux qiegħed jintalab kappriccozament. Il-konvenuta, li kienet rapprezentata f'din il-kawza minn Kuraturi Deputati, ma xehditx u ghalhekk il-Qorti ghandha quddiemha biss il-verzjoni inkontradetta ta' l-attur.

Fir-rikors guramentat, kif ukoll mix-xhieda tieghu, t-talbiet tal-attur ghan-nullita` huma essenzjalment imsejsin fuq il-premessa li z-zwieg ta' bejn il-partijiet kien biss wiehed ta'

[1] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Gunju, 2002.
[2] Deciza mill Prim'Awla tal-Qorti Civili(VDG) 31 ta' Jannar, 1996.

konvenjenza. Kif jghallem il-gurista Francesco Bersini fuq is-suggett taz-zwieg ta' konvenjenza:

> ***Chi ad esempio intende un fine estrinseco al matrimonio in modo tale da escludere con atto posittivo di volonta' lo stesso matrimonio, che per lui e` una pura formalita' vuota e senza senso, evidentemente fa del matrimonio un rito vano. In tal modo contrae invalidamente colui che, escludendo con atto posittivo di volonta', almeno implicito, lo stesso matrimonio, si sposa unicamente ed esclusivamente per un fine estrinseco, cioe' diverso dal matrimonio, fine che egli intende come oggetto esclusivo del consenso. Per esempio: avere una dote, evitare il servizio militare, adire una eredita', scopi di libidine, ecc…***

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett hija fis-sens illi zwieg ta' konvenzja jimporta s-simulazzjoni tal-kunsens peress illi l-partijiet, jew xi hadd minnhom, ikunu eskludew posittivament iz-zwieg innifsu, u ghalhekk huwa zwieg null f'ghajnejn il-ligi. Fir-rigward ta' kazijiet fejn il-kunsens ta' xi hadd mill-partijiet ikun ikkontratta z-zwieg sabiex jinkiseb r-residenza f'Malta jew d-dritt li jahdem f'Malta, intqal illi:

> ***Meta l-uniku skop tal-kontraent jkun li jibqa' Malta biex jahdem u eventwalment jikseb ic-cittadinanza, hu jkun qieghed posittivament jeskludi z-zwieg innifsu, b'mod li jkun hemm simulazzjoni totali. Naturalment, f'dawn il-kazijiet wiehed ma ghandhux jistenna li jsib prova diretta tas-simulazzjoni, fis-sens ta' xi dikjarazzjoni esplicita tal-intenzjoni ta' dak li jkun, pero' tali intenzjoni tista' tigi manifesta wkoll implicitament.***

Illi mix-xhieda mhux kontestata tal-attur jirrizulta illi c-cirkostanzi li fih gie kontrattat dan iz-zwieg huma kemm xejn partikolari, stante li jidher li terzi persuni sfruttaw il-vulnerabbilita' tac-cirkostanzi li kien jinstab fihom l-attur, bl-ghan li l-intimata tipprova tikseb cittadinanza Maltija filwaqt li l-attur jakkwista xi haga tal-flus sabiex isostni l-vizzju tieghu tad-droga. Mix-xhieda tal-attur jirrizulta illi minkejja li gie kontrattat zwieg bejn il-partijiet, **qatt ma gie kkunsmat z-zwieg, qatt ma kien hemm hajja konjugali bejniethom,** tant li kif jixhed l-attur huwa ra lill-intimata dakinhar taz-zwieg u darba qabel it-tieg fejn bazikament qablu fuq id-data taz-zwieg. Illi minn informazzjoni li huwa kiseb mill-istess persuna li kien issuggerilhu li jizzewweg, wara li huwa rriabilita ruhhu, jidher li l-intimata rritornat lejn il-M.

Fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dan iz-zwieg kien biss messa in xena, stante li l-partijiet ma kellhom l-ebda intenzjoni li jibnu hajja u unjoni konjugali flimkien. L-ghan tal-intimata kien biss li tipprova tikseb cittadinanza Maltija permezz maz-zwieg taghha mal-attur, filwaqt li l-attur ried biss li jdawwar xi haga tal-flus.

**Ghaldaqstant, wara li rat il-provi prodotti mir-rikorrenti, din il-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet fis-27 ta' Novembru 2003 bhala null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi ai termini tal-Artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna li kull parti tbati l-ispejjez taghha.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**